**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Frar 2024**

**Kawża Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1159/2023 JVC**

**David Pulis (ID 413182M) u Ramona Attard (ID 328082M) f'isimhom kif ukoll bħala kuraturi ta' binhom minuri Liam Pulis**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti David Pulis et talbu kif isegwi:

**'Dikjarazzjoni tal-Fatti**

1. Din l-azzjoni qiegħda tiġi ppreżentata abbażi tal-Art 253(2) *et seq* tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Illi r-rikorrenti huma l-ġenituri tal-minuri **Liam Pulis** li twieled fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elfejn u ħmistax (2015) fl-isptar Mater Dei, Msida, hekk kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid anness u mmarkat bħala **Dok A**;
3. Illi fil-formola tan-notifika tat-twelid ta' Mater Dei (annessa u mmarkata bħala **Dok B**) kompluta mir-rikorrenti ġenituri tal-minuri dakinhar tat-twelid tiegħu, huma niżżlu '**Liam Elessar Pulis**' bħala isem mogħti lit-tarbija;
4. Illi l-minuri huwa konsistentement imsejjaħ '**Liam Elessar**', u l-minuri stess, li issa għandu tmien (8) snin, jaf li ismu sħiħ huwa '**Liam Elessar**' u huwa kuntent u kburi b'dan l-isem, tant li hu stess jużah regolarment meta jiġi mistoqsi x'jismu;
5. Illi r-rikorrenti jixtiequ li mal-isem tal-minuri jiżdied it-tieni isem tiegħu 'Elessar', biex b'hekk l-isem tal-minuri jinbidel minn 'Liam' għal '**Liam Elessar**', u l-kunjom jibqa' kif inhu jiġifieri '**Pulis**'.

**Raġunijiet għat-talbiet**

6. Illi l-uniku mod sabiex jiġi rikonoxxut l-isem sħiħ u propju tal-minuri huwa permezz ta' din it-talba ġudizzjarja;
7. Illi ir-rikorrenti jixtiequ jirregolaw il-pożizzjoni tal-minuri u jaffettwaw it-tibdil neċessarju sabiex l-atti uffiċjali tiegħu maħruġa mill-awtoritajiet Maltin jirriflettu r-realtà tal-fatti fejn

jirrigwarda l-isem li bih hu magħruf, u b'hekk jevitawlu wkoll kumplikazzjonijiet li inkella jiltaqa magħhom fil-futur.

8. Illi għar-raġunijiet suesposti dan ir-rikors qiegħed jiġi sottomess lil din l-Onorabbli Qorti.

**Talbiet**

Għaldaqstant, r-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tordna l-pubblikazzjoni relattiva fil-Gazzetta tal-Gvern tal-inqas ħmistax-il (15) jum qabel is-smiegħ tal-kawża, u dan ai termini tal-Art 254 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-att tat-twelid tal-minuri, u dan billi isem il-minuri jiġi rranġat minn 'Liam' għal '**Liam Elessar**' u l-kunjom jibqa l-istess jiġifieri '**Pulis**', u dana fi żmien għaxart'ijiem minn dakinhar li s-sentenza tgħaddi in ġudikat, ai termini tal-Art 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirrilaxxja lir-rikorrenti ċertifikat ieħor tat-twelid tal-minuri bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi;
4. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid tar-rikorrenti in segwitu għall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att tal-Istat Ċivili ieħor relattiv għall-istess minuri.

Salv kull provvediment ieħor li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament trid issir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll jingħad li ġialdarba l-kawża tirrigwardja l-Att tat-Twelid tal-minuri 'Liam Pulis' (minn issa 'l quddiem "il-minuri") huwa għandu jkun parti mill-kawża tramite l-ħatra ta' kuraturi *ad litem*. In segwitu għal dan għandha wkoll issir korrezzjoni appożita fl-okkju;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

4. Illi minn dak li jirriżulta *ictu oculi*, skont l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 5793/2015, anness u mmarkat **<u>Dok. DRP 1</u>**, il-minuri twieled ġewwa Malta nhar il-wieħed u tletin (31) t'Ottubru 2015 lil 'David Pulis' u 'Ramona Attard', barra miż-żwieġ. Illi taħt il-kolonna 'Ismijiet mogħtija' ġew indikati l-ismijiet 'Liam, Elessar' filwaqt li taħt il-kolonna 'Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ u l-kunjom' ġew indikati l-isem 'Liam' u l-kunjom 'Pulis' u dan skont il-partikolaritajiet kif ġew dikjarati miż-żewġ ġenituri fl-Att tat-Twelid tal-minuri u dan kif ikkonfermata mill-istess ġenituri permezz tal-firma

tagħhom fuq l-Att tat-Twelid imsemmi. Għalhekk ċertament li ma jistax jingħad li sar xi żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta kien qiegħed jiġi reġistrat l-Att tat-Twelid in kwistjoni;

5. Illi fir-rikors ġuramentat qiegħed jiġi allegat illi l-minuri dejjem uza l-isem 'Liam Elessar' u għalhekk ir-rikorrenti jixtiequ illi t-tieni isem 'Elessar' jiġi ndikat wara l-isem 'Liam', sabiex isem il-minuri jinbidel minn 'Liam' għal 'Liam Elessar';

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrimetti ruħu għat-talbiet kemm il-darba l-provi preżentati jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u kemm il-darba jiġi ppruvat a tenur tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi l-minuri minn dejjem kien magħruf u msejjaħ bl-isem 'Liam Elessar' u salv is-segwenti:

7. Illi dwar it-**tieni talba**, l-esponent ikun f'posizzjoni li jagħmel il-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet meħtieġa dejjem jekk skont l-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huwa jiġi notifikat b'vera kopja tas-sentenza mir-Registratur li tilqa' t-talbiet;

8. Illi fir-rigward tat-**tielet talba**, l-esponent Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkun f'posizzjoni biss li joħroġ ċertifikat ieħor tat-twelid kif korrett kemm -il darba jitħallsu d-drittijiet elenkati f'Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

9. Illi fir-rigward tar-**raba' talba**, l-esponent jeċċepixxiilli sabiex it-tibdil fl-isem jiġi rifless f'Atti ta' Stat Civili oħrajn tal-minuri, tali Atti għandhom jiġu speċifikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wiehed, jekk dejjem hemm in vista tal-eta' tenera tal-minuri;

10. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont l-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 7 tal-proċess b'dan li l-ewwel talba tar-rikorrenti ġiet sorvolata;

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Jannar 2024 saret korrezzjoni fl-okkju b'dana illi konsegwentement id-Direttur intimat irtira t-tieni eċċeżżjoni tiegħu;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat fosthom in-notifika tat-twelid tat-tarbija a fol 5 tal-proċess fejn isem il-minuri huwa muri bħala Liam Elessar Pulis. Rat ukoll id-diversi affidavits esebiti fl-atti ta' familjari u tal-ġenituri li lkoll jikkonfermaw illi l-minuri huwa magħruf bl-isem Liam Elessar Pulis u mhux Liam biss.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikat u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-att tat-twelid tal-minuri bin-numru 5793/2015, u dan billi isem il-minuri jiġi rranġat minn 'Liam' għal '**Liam Elessar**' u l-kunjom jibqa' l-istess jiġifieri '**Pulis**', u dan ai termini tal-Art 253 *et seq* tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jirrilaxxja lir-rikorrenti ċertifikat ieħor tat-twelid tal-minuri bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi;

4. Tilqa' ir-raba' talba limitatament għall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

5. Konsegwentement qed tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

6. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar 2024**